# 53. Lil Omm Alla Tiegħi

Meta niftakar fik, Omm Alla tiegħi,
f'moħħi kull ħliqa nġib, safja, bajdanija:
il-ġilju ta' ġol-wied mimli bil-fwieħa,
ħamiema bajda fuq saqajn ħamrana.

'Mma fl-istess ħin illi narak bla tebgħa,
fuq il-Kalvarju narak wisq mikduda
ħdejn Ibnek fuq salib bejn żewġ ħalliela,
u qalbek b'seba' xwabel dlonk minfuda!

Din hija x-xorti ta' kull ruħ nadifa,
imwielda biss għall-ġid, u mhux għall-ħtija,
bħal donnu l-ħlas tax-xogħ'l ta' tjieba u fejda
hu biss ċarċir ta' dmugħ, ċarċir ta' dmija.